



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 104/20
il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2020

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-336/19
Centraal Israëlitisch Consistorie van België et

A.G. Hogan jipproponi li l-Liġi tar-Reġjun Vlaams li tipprojbixxi l-qtil ta' annimali mingħajr sturdament inklużi dawk suġġetti għal metodi partikolari ta' qatla preskritti minn riti reliġjużi mhix permessa taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea

L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli iktar stretti minn dawk li jinsabu fid-dritt tal-Unjoni Ewropea, madankollu d-deroga preskritta favur riti reliġjużi għandha tiġi rrispettata

Digriet maħruġ fis-7 ta' Lulju 2017 tar-Reġjun ta' Vlaams (il-Belġju) li emenda l-Liġi dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali, dwar il-metodi permessi għall-qatla tal-annimali, kellu l-effett li jipprojbixxi l-qatla ta' annimali permezz ta' riti tradizzjonali Lhud u Musulmani u eżiġa li annimali bħal dawn jiġu storduti qabel il-qatla sabiex titnaqqas it-tbatija tagħhom. (1) F'dan il-kuntest, diversi assoċjazzjonijiet Lhud u Musulmani kkontestaw dan id-digriet biex ifittxu l-annullament totali jew parzjali tiegħu.

Il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), li kienet qed tisma' l-kawża, iddeċidiet li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari. Id-domanda ewlenija lill-Qorti tirrigwarda jekk tali projbizzjoni diretta, fin-nuqqas ta' sturdament, hijiex permessa taħt id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-garanziji ta' libertà tar-reliġjon prevista fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta). (1)

Fil-konklużjonijiet tal-lum, l-Avukat Ġenerali Gerard Hogan jipproponi li **l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tgħid li l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw regoli li jipprevedu, minn naħa, il-projbizzjoni tal-qatla ta' annimali mingħajr sturdament li tapplika wkoll għall-qatla li ssir fil-kuntest ta' rit reliġjuż u, min-naħa l-oħra, li għandu jkun hemm proċedura alternattiva ta' sturdament qabel il-qatla mwettqa fil-kuntest ta' rit reliġjuż, ibbażata fuq sturdament reversibbli u bil-kundizzjoni li l-isturdament ma jwassalx għall-mewt tal-animall. (87)**

L-Avukat Ġenerali Hogan jirrevedi l-ġurisprudenza attwali dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ir-Regolament).¹ F'dan il-kuntest huwa josserva li r-regolament jirrifletti u jesprimi b'mod konkret l-obbligu ċar impost mit-Trattati kemm fuq l-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq l-Istati Membri li josservaw b'mod sħiħ il-bżonnijiet tal-benesseri tal-annimali, li huma f'lejljaq li għandhom sensibbiltà. (51) Barra dan, huwa josserva li minkejja t-termini stretti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament li "[l]-annimali għandhom jinqatlu biss wara sturdament", l-Artikolu 4(4) ta' dan ir-regolament jipprovdi madankollu deroga minn din ir-regola, li tindirizza għalhekk il-ħtieġa li jiġi ggarantit id-dritt ta' dawk li jħaddnu ċertu twemmin reliġjuż li jħarsu riti reliġjużi essenzjali u li jikkonsmaw laħam ta' annimali li jinqatlu bil-metodu preskrit mir-reliġjon (id-Deroga). (52)

L-Avukat Ġenerali Hogan jinnota li din id-Deroga tippermetti l-prattika ta' qatla ritwali li matulha animall jista' jinqatel mingħajr sturdament minn qabel, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-libertà ta' reliġjon ladarba din l-għamla ta' qatla ma hijiex biżżejjed biex tevita l-uġiġħ, l-istress u t-tbatija kollha tal-animall b'mod effettiv daqs qatla bi sturdament minn qabel. (55) Id-Deroga tirrifletti x-xewqa tal-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea li jiġu rrispettati l-libertà tar-reliġjon u d-dritt li wieħed juri r-reliġjon jew it-tweemmin tiegħu fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti, kif stabbilit fil-

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1)

Karta, minkejja t-tbatija li tista' tiġi evitata fil-kuntest ta' qatla ritwali mingħajr sturdament minn qabel. Fil-fehma tiegħu, din id-dispożizzjoni, b'hekk twettaq l-impenn tal-Unjoni lejn soċjetà tolleranti u pluralista ji fiha jeżistu fehmiel u twemmin diverġenti u, kultant, kunfliġġenti u li jkunu jridu jiġu rrikonċiljati. (56)

Huwa jżid jgħid li madankollu jidher ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et al*² li dawn il-kundizzjonijiet jew speċifikazzjonijiet *tekniki* li għandhom l-għan li jnaqqsu t-tbatija tal-annimali waqt il-qatla u jiżguraw is-saħħa tal-konsumaturi tal-laħam, u li huma newtrali u mhux diskriminatorji fl-applikazzjoni tagħhom, jistgħu jkunu imposti fuq il-libertà li ssir qatla mingħajr sturdament minn qabel għal għanijiet reliġjużi, sabiex tiġi organizzata u mmexxija din il-qatla. (57)

L-Avukat Ġenerali Hogan jiddikjara li huwa evidenti li d-Deroga trid tiġi interpretata f'sens strett. Dan huwa meħtieġ sabiex l-annimali jkunu protetti sal-ogħla grad possibbli fil-ħin tal-qatla filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat il-ħarsien tal-libertà tar-reliġjon u ta' twemmin reliġjuż profund (60). Huwa jissuġġerixxi li filwaqt li l-Istati Membri huma obbligati li jirrispettaw it-tweemmin reliġjuż profund ta' dawk li jħaddnu r-reliġjon Musulmana u dik Lhudija billi jippermettu li ssir qatla ritwali ta' annimali b'dan il-mod, għandhom ukoll obbligi oħra rigward il-benesseri ta' dawn il-ħlejjaq li huma kapaċi jħossu. B'mod speċifiku, sitwazzjoni fejn prodotti tal-laħam miksuba minn qatla ta' annimali skont riti reliġjużi sempliċiment jitħallew jidħlu fil-katina ġenerali tal-ikel għall-konsum minn klijenti li ma jkunux konxji – u li ma kinux mgħarrfa – dwar il-mod kif dawn l-annimali jkunu nqatlu, ma tkunx konformi la mal-ispirtu u lanqas mal-ittra tal-Artikolu 13 TFUE. (62)

Skont l-Avukat Ġenerali, filwaqt li l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jadottaw regoli nazzjonali, maħsuba biex jiżguraw protezzjoni iktar estiża tal-annimali waqt il-qatla, minn dawk inklużi f'dan ir-regolament, ma jipprevedix l-eliminazzjoni jew il-kważi eliminazzjoni mill-Istati Membri tal-prattika ta' qatla ritwali. (65,66). Huwa jsostni li l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' regoli iktar stretti għandha ssir fil-kuntest u b'ħarsien sħiħ tan-natura tad-Deroga prevista minn dan ir-Regolament. (69) Għalhekk, l-adozzjoni ta' tali regoli nazzjonali iktar stretti sabiex jit mħares il-benesseri tal-annimali huwa permess bil-kundizzjoni li "il-qalba" tal-prattika reliġjuża inkwistjoni, jiġifieri l-qatla ritwali, ma tintmissx. Għalhekk tali adoxxjoni ta' regoli nazzjonali iktar stretti sabiex jitħares il-benesseri tal-annimali ma tawtorizzax lill-Istati Membri jipprojbixxu l-qatla ta' annimali kif meħtieġa minn riti reliġjużi u espliċitament permessa mir-Regolament. (71)

L-Avukat Ġenerali Hogan jenfasizza li miżuri addizzjonali ma jwasslux għal projbizzjoni tal-qatla ritwali mingħajr sturdament jew bi sturdament wara li ssir il-qatgħa, billi dan ikun jammonta għal ċaħda tal-istess deroga prevista mir-Regolament. Dan imbagħad kien jikkomprometti l-element essenzjali tal-garanziji reliġjużi li hemm fil-Karta għal dawk li jħaddnu l-Ġudajiżmu u l-Iżlam rispettivament li, għalihom, dawn ir-ritwali reliġjużi huma ta' importanza reliġjuża personali profonda. (74)

Huwa jqis li, b'konformità mal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jadottaw kundizzjonijiet jew speċifikazzjonijiet *tekniki* li, flimkien mar-rekwiżit taħt dan ir-regolament li l-qatla ritwali ssir f'biċċerija, ifittxu li jnaqqsu t-tbatija tal-annimali waqt il-qtil u li jippromwovu l-benesseri tagħhom. (74)

Bħala konklużjoni, l-Avukat Ġenerali Hogan jinnota li ma jistax jiġi evitat il-fatt li ż-żamma tar-riti reliġjużi tal-qatla ta' annimali ta' spiss tiġi f'kunflitt ma' ideat moderni dwar il-benesseri tal-annimali. Id-Deroga hija, madankollu, għażla ta' politika li l-leġislatur tal-Unjoni Ewropea ċertament kellu dritt li jagħmel. Minn dan isegwi li din il-Qorti ma tistax tippermetti li din l-għażla speċifika ta' politika tinġieb fix-xejn minn Stati Membri individwali li jieħdu azzjoni speċifika f'isem il-benesseri tal-annimali li jkollha l-effett sostantiv li tannulla d-Deroga favur ċerti segwaċi reliġjużi. (86)

² Kawża [C-426/16](#): Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et al*, ara Stqarrija għall-Istampa Nru [69/18](#)

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti jew tribunal nazzjonali li jiddisponu mill-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li bl-istess mod torbot lil qorti jew tribunali nazzjonali oħra li quddiemhom titqajjem kwistjoni simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106